# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## Is-Seba' Leġislatura

## Laqgħa Nru. 77

It-Tnejn 18 ta' Frar, 2019

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Sinjura Rita Mifsud Attard | - Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

**18 ta' Frar, 2019**

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 77.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

**77.1.01** Il-membri kollha huma preżenti u għalhekk m'hemmx ittri ta' apoloġiji.

## 77.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 7-76.

**77.2.01** Il-minuti tal-laqgħat numru 76 kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 77.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**77.3.01** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Ministeru għal Għawdex dwar l-avveniment kulturali bit-titlu *Gozo Alive* li ser jiġi organizzat bejn it-3 u 5 ta' Mejju. Is-Segretarja għandha tinforma lill-Kappillan sabiex jekk ikun ser jiġi organizzat xi attivita din tingħata pubbliċita fil-programm.

**77.3.02** Il-Kunsill ġie nnotifikat mill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar is-Seduta tal-Ezekuttiv dwar l-applikazzjoni PC/00114/18 (Ta' Lehfar, Triq it-Tamar, Ghasri) nhar il-5 ta' Marzu fis-16.00. Dan wara li l-Kunsill għamel l-oġġezzjoni tiegħu dwar dan l-iżvilupp.

**77.3.03** *Avviż tas-smigħ – Kunsill Lokali Ghasri vs. Awtoria tal-Artijiet.* Is-Sindku attenda għal din is-seduta li saret nhar il-Gimgħa 18 ta' Frar. Il-Kunsill għandu jagħmel applikazzjoni għad-devoluzzjoni għal din il-propjeta sabiex isir playing field u ġnien.

**77.3.04** *Cir AKL 2019/006 Sessjonijiet ta' taħriġ għall-Fire wardens u kors Bażiku ta' First Aid.* Is-Segretarja nformat lill-Kunsill li hi flimkien ma' wieħed mill-ħaddiema tal-iskema attendew għat-taħriġ għall-Fire Warden. Il-kors tal-First Aid ser isir fl-aħħar ta' Marzu. Ser tattendi s-Segretarja.

**77.3.05** Il-Kunsill irċieva l-approvazzjoni mingħand id-Direttur (Gvern Lokali, Monitoragg u Sapport) biex is-Segretarja tingħata l-performance bonus kif ġie rrakkomandat mill-Kunsill.

**77.3.06** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar laqgħa nhar il-Gimgħa 8 ta' Marzu sabiex jiġi diskuss il-ġbir tal-iskart organiku. Is-Sindku qal li hu mhux ħa jkun disponabbli għal din il-laqgħa. Il-Kunsilliera Sandra Mifsud qalet li hi ser tkun tista tattendi flimkien mas-Segretarja. Il-laqgħa ser issir fit-3 ta' wara nofsinhar fil-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem.

**77.3.07** *Cirkulari Numru 3/2019* – Proċedura għall-għażla ta' skema awtorizzata tal-ġbir ta' skart riċiklat. Il-Kunsill ġie nformat dwar il-proċedura li għandu jagħmel sabiex jagħżel wieħed mill-iskemi awtorizzati biex isir il-ġbir tal-iskart separat tal-karti, metall, plastik u ħġieġ. Is-Segretarja ħadet ħsieb tagixxi skond din il-procedura peress li l-kuntratt ta' dan it-tip ta' skart huwa skadut.

**77.3.08** *Ħatra ta' Direttur –Designate.* Il-Kunsill irċieva kommunikazzjoni mingħand id-Direttur Generali (Gvern Lokali) fejn ġie nformat li mill-1 ta' April 2019 ser ikun hemm Direttur ġdid (Gvern Lokali – Monitoraġġ u sapport). Dan ser ikun is-Sur Christopher Galea.

**77.3.09** *Cirkulari Numru SPI 1/2019* – Inizjattiva ta' Għajnuna għall-Korsijiet Lifelong Learning 2019/2020.

**77.3.10** *Ċirkulari Numru SPI 2/2019* Kors - It-Tqassim tal-Ħin u l-Flus għall-Ġid ta' Saħħtek iffinanzjat mill-PWC b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika.

**77.3.11** *Ċirkulari Numru SPI 3/2019* – Fond għaż-Żamma u l-Manutenzjoni ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Centrali. DG/K/02/2019 – Data Protection Officer fil-Kunsilli Lokali.

**77.3.12** Is-Sindku qal li hemm bżonn li ssir rampa fi Triq tal-Fanal. Din tista' ssir mill-ħaddiema li hemm assenjati mal-Kunsill. Is-Sindku semma ukoll il-bżonn li jsir *hump* bit-tarmac fi Triq tal-Maxrabija sabiex l-ilma tax-xita minn Triq tal-Fanal ma jidħolx f'din it-Triq. Dan jista jsir meta jsir il-komplament tat-Triq tal-Fanal fil-ġimgħat li ġejjin.

## 77.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:

**77.4.01** Il-Kunsillier Joseph Farrugia reġa talab sabiex titranġa r-rampa ta quddiem dar fi Triq il-Fanal. Is-Segretarja u Sindku nformawh li huma flimkien mal-Kunsillier Frank Formosa marru fuq is-sit iżda is-sid ma kienx hemm. Is-Segretarja bagħtet ukoll wieħed mill-ħaddiema biex jara x'hemm bżonn.

## 77.5 Aġġornament tax-xogħolijiet kapitali:

**77.5.01** *(a) Restawr tan-Niċċa.* Il-Kunsill irċieva l-"compliance" mingħand l-Awtorita tal-Ippjanar. Il-Kunsill qed jistenna l-kontijiet, ċertifikazzjoni u rapporti (mitluba mill-Ministeru għal Għawdex) minghand il-kuntrattur u perit.

(b) *Toroq Measure 4.3* Kien hemm ammont kbir ta' varjazzjoni fil-kontijiet minn dawk li kienu mnizzlin fit-tender. Għalhekk il-Kunsill ser ikollu jagħmel diversi "Change Request Forms" mal-Managing Authority sabiex nitolbu li dawn l-ispejjez jiġu nklużi fil-finanzjament tal-fondi taħt il-Miżura 4.3.

(c) *Toroq fil-Lokalita' Tiegħek.* Ix-xoghol f'dawn it-toroq qed jitkompla. Il-perit għamel stima tax-xogħlijiet li jridu jsiru sabiex titbaxxa t-triq quddiem residenza li qed jsir xogħol fiha. L-istima hija ta' €5,259.

(d) *Estenzjoni tal-Librerija.* Ix-xogħol miexi f'dan il-proġett. Wara li titwaqqaf l-istruttura tal-bini jrid isir il-madum fl-art u wara kisi tal-hitan u saqaf bil-gypsum. Ix-xogħol tal-madum ser isir mill-ħaddiema tal-Kunsill filwaqt li ghax-xogħol tal-gypsum u soffit inġabret stima li t'ammonta għal €890 li tinkludi ukoll sitt spotlights. Il-Kunsilliera approvaw din l-istima. Is-Segretarja ġabret ukoll kwotazzjonijiet għall-xkaffar għall-kotba. Il-Kunsilliera għażlu lix-xkaffar l-aktar addadat bil-prezz ta' €1092.

## 77.6 Rapporti.

**77.6.01** *Financial Statements 2018.* Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Financial Statements għas-sena 2018 mingħand l-accountant tal-Kunsill. Dawn kienu tqassmu permezz tal-emajl lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa. Il-Kunsilliera approvaw unanimament dan ir-rapport.

**77.6.02** *Rapport ta' kull kwart Ottubru - Dicembru 2018.* Dan id-dokument kien diġa tqassam u għalhekk il-Kunsilliera kienu diġa rawh. Ma kienx hemm domandi dwaru. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament dan ir-rapport.

## 77.7 Bozza ġdida fi Triq tal-Fenek.

**77.7.01** Il-Kunsill kien approva it-twaħħil ta' żewġ bozoz ġodda fi Triq tal-Fenek iżda waħda mill-bozoz kienet ser tiġi nstallata ma' faċċata ta' residenza. Is-sid tal-propjeta ma aċċettax li din titwaħħal mal-faċċata tiegħu. Għalhekk is-Sindku ppropona li jigi nstallat arblu. Is-Segretarja nformat lill-Kunsill li l-bozza l-oħra li ser teħel ma arblu diġa qeda għand il-kuntrattur u ser teħel fil-ġranet li ġejjin. Hi ssuġġeriet li nistennew li tinxtegħel din il-bozza u naraw jekk ikunx hemm bżonn it-tieni bozza qabel ma nidhlu għall-ispiża tal-arblu.

## 77.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti.

**77.8.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-077 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentatha ġiet aċċettatha mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 77.9 Mozzjonijiet.

**77.9.01** Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 77.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**77.10.01** Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 p.m. u ġiet aġġornatha għal nhar il-Ħamis 14 ta' Marzu fis-7:00 p.m.

Konfermati, it-Tnejn 18 ta' Frar 2019

| | |
|---|---|
| **FFIRMATA** | **FFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard | Rita Mifsud Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |